**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, il-31 ta' Ottubru 2024**

Każ Nru: 1280/10

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Johann J. Fenech)

**kontra**

**JOSHUA FARDELL**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 444580(M))

**IL-QORTI:**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Joshua Fardell, bin Francis u Maria Dolores nee' Grima, imwieled Pieta' fis-16 t'April 1980, residenti fil-fond li jġib in-numru 10, Triq l-Ispirtu Santu, Żejtun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 444580(M) permezz ta' liema ġie akkużat talli fil-11 t'Awwissu 2008 u matul it-tliet ġimgħat ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

(1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lil persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellu liċenżja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat

bir-regoli tal-1939 għall-kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga imsemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt(6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenżja li ipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess t'awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenżja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u metama kienx b'xi mod ieħor bil-liċenżja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod bil-Liċenżja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għal użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħek;

(3) Ikommetta l-imsemmija reati fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb, jew ċentru taż-żagħżagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqtgħu iż-żagħżagħ skond l-artikolu 22(2b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(4) sar reċediv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mgħotija mill-Magt. L. Quintano fi-9 t'April 2008;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tgħaddi għall-konfiska tal-corpus delicti u ċioe' il-vettura ta' Joshua Fardell bin-numru LAA092 li serviet jew li kienet maħsuba li sservi sabiex isir delitt, u ta' kull ma kien miksub bid-delitt;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), datat l-it-30 ta' Jannnar 2009, sabiex din il-kawża tigi deċiża mill-Qorti Kriminali[1], rat ukoll il-kontro-ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu 31 ta' l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex l-imputat jigi proċessat quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[2];

Semgħet u rat ix-xhieda,

Rat l-atti kollha tal-każ inkluż id-dokumenti esebiti,

Rat l-ordni ta' iffriżar li kien mitlub fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2011 u li ġie ppublikat fil-ġazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Mejju 2011[3];

Rat li fl-udjenza tas-26 ta' Lulju 2011 id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni billi tressaq prova tal-mitt metru a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ddikjarat li hija qed "taċċetta" l-istess aggravju[4].

Rat l-ammissjoni tal-imputat fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2014 li ġiet ikkonfermatta wara li din il-Qorti tatu żmien sabiex jaħseb fuq l-istess[5].

Rat li fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2018[6], l-imputat ressaq talba sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, liema talba ġiet miċħuda permezz ta' Digriet datat il-5 ta' Marzu 2019[7];

Rat il-presentencing report[8] imħejji fil-konfront tal-imputat li ġie ppreżentat fid-29 t'April 2014.

Rat li fl-udjenza tat-28 ta' Frar 2022, id-difiża ressqet mill-ġdid talba sabiex din il-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga u dan fid-dawl tal-emendi introdotti fejn l-aggravju tal-mitt metru m'għadux jeskludi l-applikabilita' tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta[9], liema talba ġiet miċħuda mill-ġdid permezz ta' Digriet mgħoti fl-20 ta' Lulju 2022[10];

Rat li, minkejja l-ammissjoni tal-imputat, fl-udjenza tat-12 t'Ottubru 2022 id-difiża ddikjarat li: *"... l-istqarrija tal-imputat ma tteħditx bis-salvagwardji ormai*

---

[1] Fol. 4 tal-atti proċesswali.
[2] Fol. 120 tal-proċess.
[3] Fol. 55 u 58 et seq tal-atti proċesswali. What is
[4] Fol. 66 tal-proċess.
[5] Fol. 134 tal-proċess.
[6] Fol. 204 tal-atti proċesswali.
[7] Fol. 202 tal-proċess.
[8] Dok. RC, 137 tal-proċess. Ix-xhieda ta' Probation Officer Rona Custo li ħejjiet il-Presentencing report tinsab a fol. 192 tal-proċess.
[9] Fol. 245 tal-proċess.
[10] Fol. 254 tal-proċess.

*rikonoxxuti mill-Qrati tagħna. Għalhekk titlob li din l-istqarrija li ttieħdet b'mod lesiv tad-drittijiet tiegħu tiġi sfilzata mill-proċess.*" Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li "*tirrimetti ruħha*".[11] Dikjarazzjoni simili saret fl-udjenzi tal-14 ta' Ġunju 2023[12] u it-22 ta' Marzu 2024[13];

Rat il-verbal tal-14 ta' Ġunju 2023, permezz ta' liema d-difiża ddikjarat: "*...illi minkejja l-fatt illi jidher li hemm ammissjoni tal-imputat a fol. 134 tal-proċess, liema ammissjoni ma tispeċifikax għal-liema akkużi qed tirreferi, tippuntwalizza illi dik l-ammissjoni ma hija biss rigward il-pussess għall-użu persnali u mhux fir-rigward xejn iktar. Fil-fatt a fol. 152 jixhed l-istess akkużat u t-testimonjanza tiegħu tirrigwarda l-problema tal-abbuż ta' droga li kellu u l-pussess tagħha u ma tagħmel l-ebda referenza għal traffikar.*"[14]

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri datat 28 ta' Settembru tas-sena 2023 permezz ta' liema l-kawża odjerna ġie assenjata lill-ġudikant sottofirmata[15] kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigħ mill-ġdid tal-provi mismugħa minn din il-Qorti diversament ippreseduta[16]

Rat il-fedina penali aġġornata tal-imputat[17];

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**IKKUNSIDRAT:**

- **Provi prodotti**

Illi l-ispettur Johann J. Fenech[18] xehed li fil-11 t'Awwissu 2008 għall-ħabta tat-3pm kien ġie infurmat minn PS1044 G. Calleja li waqt li hu u l-kollegi tiegħu kienu fuq ronda fil-viċinanzi tal-Boċċi Klabb raw lil xi ħadd jaġixxi b'mod suspettuż. Hekk kif il-pulizija bdew jersqu lejh huma osservawh jarmi disa' sachets zgħar mal-art. In segwietu għal dan saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu u fuq il-vettura tiegħu tal-għamla Volkswagen Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni LAA 092. Mit-tfittxija fil-vettura, speċifikament ġewwa l-glove box fuq in-naħa ta' quddiem tal-passiġier sabu tletin sachets żgħar oħra. Saret tfittxija ukoll fir-residenza tiegħu fejn hemm sabu kuċċarina b'xi ħruq fiha u sabu sustanza kannella li ġew ukoll elevati u mgħoddija lili. L-ispettur jikkonferma bil-ġurament li huwa kien informa lill-Maġistrat Inkwerenti tal-għassa dakinhar (il-Maġistrat Dr. S. Meli) li min-naħa tiegħu kien fetaħ inkjesta u ħatar diversi esperti

[11] Fol. 261 tal-proċess.
[12] Fol. 287 tal-proċess.
[13] Fol. 298 tal-proċess.
[14] Fol. 287 tal-proċess.
[15] Fol. 288 tal-proċess.
[16] Fol. 296 tal-proċess.
[17] Fol. 293 tal-proċess.
[18] Fol. 16 tal-proċess.

sabiex jassistuh fl-investigazzjoni u fil-proċess tal-ġbir ta' provi. L-ispettur Fenech jikkonferma bil-ġurament li huwa ħa stqarrija lill-imputat fil-prezenza ta' PC230 Briffa, li ġiet esebita minnu u mmarkata bħala Dok. JF[19]. PC230 George Michael Briffa ġie prodott bħala xhud sabiex jikkonferma l-volontarjeta' ta' din l-istqarrrija. L-ispettur Fenech ippreżenta ukoll is-sentenza mgħotija fil-konfront tal-qua imputat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Marzu 2009[20]. B'referenza għal din is-sentenza xehed ukoll l-ispettur Anthony Portelli[21] li minnaħa tiegħu għaraf lill-qua imputat bħala l-persuna li fil-konfront tiegħu ġiet mgħotija dik is-sentenza. L-ispettur Johann Fenech reġgħa xehed fl-udjenza tas-26 t'Ottubru 2012 fejn formalment esebixxa l-vettura tal-marka LAA 092 bħala Dok. JJF1.

PS1044 Gordon Calleja[22] u PC1348 Joseph Campbell[23] xehdu li fil-11 t'Awwissu 2008, għall-ħabta tat-tlieta wara nofsinhar, waqt li kienu qed jagħmlu ronda flimkien ma PC295 fil-viċinanzi ta' ħdejn il-klabb tal-boċċi ġewwa l-Fgura, huma bdew jersqu lejn il-qua imputat għax rawh jaġixxi b'mod suspettuż iżda kif kienu qed jagħmlu dan innotaw lil Fardell jarmi ogett għal fuq it-taraġ tal-pitch tal-boċċi. Huma marru ġabru l-oġġett li osservawh jarmi, liema oġġett kien jikkonsisti f'borża tal-plastik b'disa' sachets kontenenti trab suspettat herojina. Spjega ukoll li għamlu tfittxija ġo vettura tal-għamla Volkswagen Golf ta' kulur aħdar bin-numru ta' reġistrazzjoni LAA092, liema vettura kien qed jagħmel użu minnha Fardell, fejn minn hemm ġew elevati tletin qartas ieħor simili għal dak li ġabru minn fuq it-taraġ tal-pitch. Fardell ġie arrestat fejn flimkien mal-oġġetti elevati ittieħed il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Campbell ikompli jixhed li wara saret tfittxija fir-residenza tal-imputat ġewwa Birżebbuġa minn fejn ġew elevati mgħarfa b'xi traċċi li, dejjem skond l-istess xhud, aktarx ġiet użata biex tissajjar id-droga fuqha kif ukoll diversi siringi użati.

Fl-udjenza tat-12 t'April 2010 ġie esebiet il-proces verbal[24] redatt mill-Maġistrat Inkwerenti (dak iż-żmien il-Maġistrat Dr. Silvio Meli) minn fejn jirriżulta li ħatar lill-ispiżjar Mario Mifsud sabiex janalizza s-sustanza, lil Dr. Martin Bajada u lil PS171 Karl Glenville. Dr. Martin Bajada ippreżenta bil-ġurament ir-relazzjoni tiegħu li iġiet immarkata bħala Dok. MB[25] permezz ta' liema rrelata dwar l-informazzjoni kollha estratta minn fuq il-mobile u s-sim card elevati mill-pussess tal-imputat. Minn din l-informazzjoni ma jidherx li nstabux xi messaġġi relatati

[19] Fol. 19 tal-proċess.
[20] Dok. JF1, fol. 21 tal-proċess.
[21] Fol. 73 tal-proċess.
[22] Fol. 30 tal-proċess.
[23] Fol. 32 tal-proċess.
[24] Dok. OD, fol. 12 tal-proċess.
[25] Fol. 15 tal-proċess.

kjarament mad-droga. L-ispiżjar Mario Mifsud[26], wara li analizza d-droga kkonkluda:

> *"Li ma nstabux sustanzi illegali fis-siringi li kien hemm fid-dokument 055/10/01;*
>
> *Li fuq l-imgħarfa li kien fid-dokument 055/10/01 instabu fuqha traċċi tas-sustanza herojina;*
>
> *Li fit-trab kannella li kien hemm fid-39 qartas tal-karti, li kienu fid-dokument 055/10/01 u li l-piż nett totali tat-trab kannella kien ta' 1.82 grammi, instabet fih is-sustanza Herojia. Il-purita' medja tat-trab il-kanella, li kien hemm fil-qratas fid-dokument 055/10/01, għas-sustanza Herojina kient ta' ċirka 32.3%. is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."*[27]

PS171 Karl Glenville[28] xehed u esebixxa r-rapport tiegħu flimkien mar-ritratti meħuda bħala bħala Dok. KG. Dr. Maria Cardona espletat l-inkarigu mgħotija mill-Qorti Istruttorja nhar l-10 ta' Mejju 2011 billi ppreżentat il-kompendju tal-assi tal-imputat – Dok. MC. Fost riżultanzi oħra minn din ir-relazzjoi jirriżulta li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAA092 hija rreġistrata f'isem l-imputat. Xehed Romwald Attard għan-nom tal-Bank of Valletta plc li kkonferma li l-imputat kellu savings account u consumer loan mal-istess Bank.

In difesa, fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju 2014, xehed il-qua imputat Joshua Fardell[29] li xehed dwar kif kien qabad il-problema tad-droga minn eta' tenera ta' tlettax-il sena sabiex jgħolli s-self esteem tiegħu. Jgħid li l-konsum tal-eroina beda dejjem jikber sakemm kien beda jikkonsma madwar ħames jew sitt grammi kuljum. Jispjega li wara numru ta' problemi ta' saħħa huwa qed jieħu l-methadone u ormai mhux qed jikkonsma droga. Ikkonferma li kien taħt il-kura tas-Sedqa u d-Detox.

Xehed ukoll Dr. Joseph Tonna[30] b'referenza għat-talba tal-imputat sabiex din il-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-droga. Dr. Tonna ikkonferma bil-ġurament li huwa tabib jaħdem id-Detox u ilu jaf lill-qua imputat mis-sena 1997, meta l-imputat kellu l-eta' tenera ta' sittax-il sena. Jgħid li l-imputat kellu problema tad-droga li prinċipalment kienet relatata mas-sustanza herojina u f'xi

[26] Fol. 27 tal-proċess, u Dok. MM, fol. 29 tal-proċess.
[27] Paġna 5 ta' Dok. OD, fol.29 tal-proċess.
[28] Fol. 116 tal-Proċess.
[29] Fol. 152 tal-proċess.
[30] Fol. 205 tal-proċess.

istanzi anke bis-sustanza kokaina. Ħa l-pedana tax-xhieda ukoll Leon David Madden li jaħdem fi ħdan il-Caritas. Is-Sur Madden ikkonferma li l-imputat ilu klijent tal-Aġenżija Caritas sa mis-sena 1998. Spjega l-andament tal-imputat dwar l-użu tad-droga.

- **L-ammissjoni tal-imputat**

Illi hekk kif ingħad fil-preliminari ta' din is-sentenza, fl-iter tal-proċeduri odjerni, speċifikatament fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2014, l-imputat irreġistra ammissjoni. Dakinhar għall-partijiet dehru l-uffiċjal prosekutur l-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara u l-ispettur Johann J. Fenech għall-prosekuzzjoni u Dr. Gianluca Caruana Curran għad-difiża. Fil-verbal ġie ddikjarat is-segwenti:

> *"L-imputat jirreġistra ammissjoni u jżomm ferm mal-ammissjoni wara li l-Qorti tatu żmien sabiex jaħseb fuq l-istess."*[31]

Sussegwentament fl-udjenza tal-31 ta' Lulju 2014, meta bħala partijiet dehru l-uffiċjal prosekutur Sp. Johann Fenech u għad-difiża Dr. Giannella Demarco ġie vverbalizzat mill-partijiet:

> *"Il-partijiet jiddikjara li f'dan il-każ qed isir patteġġjament."*[32]

Illi sussegwentament fl-14 ta' Ġunju 2023, id-difiża vverbalizzat: "*...illi minkejja l-fatt illi jidher li hemm ammissjoni tal-imputat a fol. 134 tal-proċess, liema ammissjoni ma tispeċifikax għal-liema akkużi qed tirreferi, tippuntwalizza illi dik l-ammissjoni ma hija biss rigward il-pussess għall-użu personali u mhux fir-rigward xejn iktar. Fil-fatt a fol. 152 jixhed l-istess akkużat u t-testimonjanza tiegħu tirrigwarda l-problema tal-abbuż ta' droga li kellu u l-pussess tagħha u ma tagħmel l-ebda referenza għal traffikar."*[33]

Jibda biex din l-ammissjoni ma saritx quddiem din il-Qorti hekk kif preseduta preżentament. Il-partijiet li kienu preżenti fl-udjenza li saret l-ammissjoni mill-imputat ma kienux preżenti fl-udjenza tal-14 ta' Ġunju 2023. Fil-fatt jidher li għal prosekuzzjoni dakinhar tal-ammissjoni kien hemm is-Sur Ciappara u l-Ispettur Fenech filwaqt li fl-udjenza tal-14 ta' Ġunju 2023 kien hemm is-Sur Theuma. Bl-istess mod, għad-difiża, fl-udjenza tal-ammissjoni kien hemm Dr. Gianluca Caruana Curran filwaqt li fl-udjenza tal-14 ta' Ġunju 2023 kien hemm Dr. Giannella DeMarco. B'hekk ħadd mill-partijiet preżenti fl-14 ta' Ġunju 2023ma jistgħa jgħid li l-ammissjoni li saret fil-11 ta' Marzu 2014 għalxiex kienet (ħlief dak li jirriżulta ivverbalizzat) u dan anke fid-dawl tal-fatt li ħadd mill-partijiet ma ressaq prova li tikkontradiċi dak ivverbalizzat fil-verbal tal-11 ta' Marzu 2014.

[31] Fol. 134 tal-proċess.
[32] Fol. 158 tal-proċess.
[33] Fol. 287 tal-proċess.

Illi ormai huwa kristallizat fil-każistika tal-Qrati lokali li verbal jorbot lill-partijiet f'kawża.

> *"Huwa risaput illi 'in judicis qua si contraditur' u ghalhekk il-verbal mizmum mir-registratur b'ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-sahha ta' kwazi kuntratt gudizzjarju.*
>
> *Il-verbal li jsir f'isem il-partijiet quddiem il-Qorti bhala transazzjoni tal-kontraversja ta' bejniethom, jikkostitwixxu att pubbliku u bhala tali huwa kuntratt. Il-verbal jikkostitwixxi transazzjoni validament maghmula b'att pubbliku, bhal ma huwa verbal tal-Qorti, peress li f'verbal simili r-Registratur huwa appuntu ufficjal pubbliku, debitament awtorizzat jattribwixxi fidi pubblika lil dan l-att.[34]"*

Dan il-prinċipju ġie applikat ukoll f'kawżi u proċeduri ta' natura penali[35]. Konsegwentament il-kontenut ta' verbal t'udjenza tal-Qorti ma jistgħax jitwaqqa jew jinbidel b'sempliċi dikjarazzjoni minn parti waħda li skond ma jirriżulta mill-atti proċesswali lanqas biss kienet preżenti fis-seduta li tagħha l-verbal qed jiġi attakkat[36]. Jekk parti jew oħra trid tattaka l-verbal għaliex fil-fehma tagħha dan ma jirriflettiex dak li sar fl-awla, huwa neċessarju li fl-ewwel lok jitressqu provi skond il-liġi in sostenn tad-diskrepanza. Fil-każ odjern dan ma sarx.

Huwa minnu li l-ammissjoni ma tagħmilx referenza għal xi akkużi speċifiċi. Dan neċessarjament ifisser li meta saret l-ammissjoni fl-awla ma saritx għall-akkuża speċifika iżda għall-akkużi kollha. Dan huwa msaħħah bil-fatt li fl-istess udjenza li fiha saret l-ammissjoni d-difiza pproċediet sabiex titlob pre-sentencing report. In oltre fis-seduta sussegwenti f'Lulju 2014 il-Qorti adirittura ġiet infurmata li kienu qed isiru proċeduri ta' patteġjament. Dan kollu jindika li l-ammissjoni ma saritx għall-akkuża ta' pussess sempliċi, li lanqas qegħda mniżżla fl-imputazzjonijiet kif dedotti mill-prosekuzzjoni, u dan hekk kif (wara snin) ipprovat tagħti l-impressjoni d-difiża, iżda għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba mill-prosekuzzjoni.

Huwa minnu dak ivverbalizzat mid-difiża li l-imputat xehed wara l-ammissjoni fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju 2014 u li f'din ix-xhieda l-imputat għamel referenza estensiva għall-użu tiegħu minn sustanzi illeċiti u l-problema relatati mal-istess, madanakollu, huwa fl-ebda ħin ma jagħmel referenza għal fatti mertu tal-akkużi odjerni. Għaldaqstant din ix-xhieda ma hija bl-ebda mod marbuta mal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu iżda in kwantu għat-talba a tenur tal-artikolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u in oltre biha wieħed ma jistgħax jasal għall-

---

34 Bartolo vs. Caruana mgħotija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (11/12/1992);
35 P vs. William Camilleri, Qorti tal-Appell Kriminali, 13.2.2006
36 Dan qed jingħad il-għaliex id-dikjarazzjoni fl-14/06/2023 rigward l-ammissjoni saret minn Dr. G. DeMarco li lanqas ma jirriżulta li kien preżenti fl-awla dakinhar li saret l-ammissjoni.

konkluzzjoni li l-ammissjoni kienet għall-pussess sempliċi u mhux għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-ammissjoni hekk kif saret fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2014 filwaqt li tiskarta kompletament id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża fl-udjenza tal-14 ta' Ġunju 2023 (ġaladarba hekk kif ġie spjegat iktar qabel din l-aħħar dikjarazzjoni mid-difiża hija kompletta mhux sorretta mill-atti proċeswali).

Issa b'referenza għall-ammissjoni tal-imputat, hekk kif ingħad iktar 'il fuq, fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2014 ġie vverbalizzat is-segwenti:

> *"L-imputat jirreġistra ammissjoni u jżomm ferm mal-ammissjoni wara li l-Qorti tatu żmien sabiex jaħseb fuq l-istess."*[37]

L-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali li jirregola l-ammissjoni jistipula:

> *392A(1) Jekk l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b) u fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat u l-imsemmi reat ikun suġġett għal piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, <u>il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba</u>[38], u tagħtih ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha*

Illi fis-sentenza mgħotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Annabelle Camilleri</u>** nhar il-15 ta' Settembru 2022 ingħad:

> *"4. L-għan ta' din is-sentenza kien li jiġi żgurat li meta tiġi reġistrata ammissjoni, l-imputat ikun qiegħed jammetti għal dawk ir-reati li jkunu ġew kontestati lilu u li huwa jkun irid li jammetti għalihom u li fil-kontemp, meta huwa jagħmel dan, l-imputat ikun qiegħed jifhem eżattament il-konsegwenzi tad-deċiżjoni li jkun sejjer jieħu meta jirreġistra tali ammissjoni. Dan peress li ammissjoni ta' ħtija għal kommissjoni ta' reati kriminali inevitabbilment iġġib magħha konsegwenzi serji ħafna fuq il-ħajja ta' dik il-persuna u ta' dawk qrib tiegħu.*
>
> *5. Huwa għalhekk li l-proċedura msemmija fl-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali trid tiġi mwettqa skrupolożament. B'mod partikolari 1 Enfasi ta' din il-Qorti.*
> *(a) ir-rekwiżit tal-għoti ta' żmien raġjonevoli għarrikonsiderazzjoni tad-deċiżjoni;*
> *(b) l-obbligu tal-Qorti li tagħti t-twissija "b'mod l-aktar solenni" lill-imputat fuq il-konsegwenzi legali ta' dik id-deċiżjoni t'ammissjoni;*
> *(c) kif ukoll il-mistoqsija li trid tagħmel il-Qorti lill-imputat - wara li jkun għadda dak iż-żmien mogħti għar-rikonsiderazzjoni tad-deċiżjoni tal-ammissjoni reġistrata ftit qabel - fejn il-Qorti terġa tistaqsi lill-imputat jekk hux se jżomm ma dik l-ammissjoni jew li jmur lura minnha*

[37] Fol. 134 tal-proċess.
[38] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*huma proċeduri li jridu jiġi mwetqa b'mod skrupluż u ma jammettu ebda eċċezzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Leon Farrugia** mgħotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Marzu 2024 ingħad is-segwenti b'referenza għall-proċedura stipulata fl-artikolu 392A haw fuq imsemmi:

> *"Illi dan l-iter irid jiġi osservat skrupolożament u dan għaliex minn dak il-mument 'il quddiem l-ammissjoni titqies bħala l-aqwa prova tal-ħtija tal-imputat għar-reati li jkun ġie mixli bihom. Tant hu hekk illi l-Qorti tista' ma tistrieħx fuq din il-prova magħmula permezz tal-ammissjoni u dan kif hemm rifless fis-sub-inċiż (3) għall-artikolu 392A meta tkun tal-fehma illi hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-qorti ikollha s-setgħa li tordna li l-proċeduri jitkomplew daqslikieku l-imputat ma jkunx wieġeb li hu ħati.[39]*
> …
> *Illi huwa stabbilit fil-ġurisprudenza illi meta l-verbali fl-atti proċesswali ma jkunux jirriflettu il-proċedura mfassla fl-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, kwalunkwe sejbien ta' ħtija bbażata fuq tali ammissjoni mhux irreġistrata skont il-liġi titqies li hija nulla u li għalhekk la torbot u l-anqas tipproduċi effetti jew konsegwenzi billi dan jikkostitwixxi difett proċedurali serju li jġib bħala konsegwenza in-nullita' tas-sentenza bbażata fuq ammissjoni li hija difettuża."*

Fis-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs. Charlene Gatt** mgħotija ukoll mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' Ġunju 2024 ingħad is-segwenti b'referenza għas-sentenza hawn fuq ċitata ta' Leon Farrugia:

> *"Illi kif qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Leon Farrugia****, huwa biss mill-verbali tas-seduti miżmuma quddiem il-Qorti, illi wieħed jista' jkollu rendikont preċiż ta' dak li jkun seħħ. Fejn il-verbal ma jindikax illi l-proċedura rikjesta mil-liġi ġiet segwita, allura wieħed ma jistax jassumi illi din fil-fatt tkun ġiet hekk segwita. Huwa għalhekk neċessarju illi fejn il-liġi tipprovdi l-iter li għandu jiġi segwit mill-Qorti sabiex il-proċess ġudizzjarju jitqies validu, dan għandu jiġi segwit fl-intier tiegħu u jiġi reġistrat fil-verbal sabiex jirriżulta mingħajr dubju illi fil-fatt dan ikun ġie hekk segwit. Fil-każ odjern, la darba l-proċedura li għandha tiġi segwita ma tirriżultax mill-verbal tal-ewwel Qorti, allura dan jista' biss iwassal għall-konklużjoni illi tali proċedura ma ġietx segwita.[40] Għalhekk bħal ma għamlet din il-Qorti, diversament preseduta, qabilha fil-każ* ***Il-Pulizija vs Leon Farrugia****, din il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief illi tissolleva hija stess din in-nullita`*

[39] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[40] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*proċedurali ex officio, u tiddikjara l-proċeduri irriti u nulli fid-dawl ta' nuqqas tal-ewwel Qorti li tosserva regola proċedurali essenzjali."*

Illi mill-verbal tal-ammissjoni fil-każ odjern ma jirriżultax li l-Qorti wissiet lil Fardell dwar il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu. Dan qed jingħad minkejja li jista' jkun – u probabbilment li hekk sar – li l-Qorti tkun wissietu bil-konsegwenzi legali tad-dikjarazzjoni ta' ħtija tiegħu. Madanakollu, anke a skorta tal-każistika hawn fuq ċitata, din il-Qorti ma tistax timxi fuq dak li possibilment jew probabbilment setgħa ġara matul dik is-seduta. Din il-Qorti, bħala Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tistax tassumi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mxiet *ad unguem* ma dak imsemmi fl-artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali meta mill-atti ma jirriżulta xejn miktub li dan fil-fatt seħħ. Din it-twissija dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tal-imputat fil-fehma ta' din il-Qorti hija element kruċjali u essenzjali fil-proċedura elenkata fl-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali u dan għaliex huwa hekk biss li l-Qorti tkun tista' tassigura li l-imputat qed jifhem il-portata u l-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu. **Konsegwentament, din il-Qorti, ma hijiex ser tistrieħ fuq l-ammissjoni tal-imputat hekk kif saret fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2014 sabiex tiddeċiedi r-reita' tal-imputat.**

Għal kull bon fini u b'referenza għall-artikolu 392A(3) tal-Kodiċi Kriminali[41], din il-Qorti qed tagħmilha ċara li għar-raġunijiet spjegati fil-paragrafu preċedenti, ma hijiex qed taċċetta l-ammissjoni tal-imputat għall-akkużi hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu u għaldaqstant ser tipproċedi sabiex tanalizza l-provi mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża sabiex tistabillixxi r-reita' tal-imputat għall-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu jew xort'oħra. Din il-Qorti għal kull bon fini tirrileva ukoll li minkejja l-ammissjoni għall-akkuzi dedotti fil-konfront tal-imputat fis-sena 2014 mill-atti proċesswali jirriżulta li l-prosekuzzjoni[42] u d-difiża[43] ressqu dawk il-provi kollha li dehrilhom li għandhom iressqu. In oltre l-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet finali daqslikieku ma kienx hemm ammissjoni. Fil-fatt id-difiża attakkat l-istqarrija tal-imputat u provi oħra fil-mertu tagħhom fis-sottomissjoni tagħha. B'hekk f'dan l-istadju, wara li l-Qorti rat li ż-żewġ partijiet għalqu l-provi tagħhom daqslikieku l-ammissjoni ma saret qatt, hija tal-fehma li jeżisti l-ebda preġudizzju għall-partijiet li tibqa'għaddejja sabiex tiddeċiedi l-mertu tal-każ fuq il-provi mressqa daqslikieku ma saret qatt ammissjoni u dan sabiex dan il-proċess li jaf il-bidu tiegħu għas-sena 2010 ma jitwalx inutilment.

---

41 Minkejja li ma jirriżultax li fl-imsemmi artikolu jeżistu l-estremi tal-każ odjern.

42 Fil-fatt l-ammissjoni saret wara li l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha.

43 Fil-fatt mill-atti proċesswali jidher li minkejja l-ammissjoni il-Qorti baqgħet tipprovdi opportunitajiet lid-difiża sabiex tressaq il-provi tagħha.

- **Kwistjonijiet preliminari**

Illi hekk kif ingħad iktar qabel f'din is-sentenza, fil-verbali tal-udjenzi miżmuma fit-12 t'Ottubru 2022, l-14 ta' Ġunju 2023 u 22 ta' Marzu 2024 id-difiża issottometiet bil-qawwa kollha li din il-Qorti għandha tiskarta l-istqarrija tal-imputat ġaladarba din ittieħdet mingħajr ma' l-imputat ġie mgħoti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija. Fl-udjenza tat-12 t'Ottubru 2022 il-prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.

Għaldaqstant jinkombi fuq din il-Qorti sabiex fid-dawl tal-każistika riċenti tal-Qrati kemm Kostituzzjonali kif ukoll Kriminali, tiddetermina l-piż li hija ser tagħti l-istqarrija rrillaxata mill-imputat nhar il-11 t'Awwissu 2008 lill-ispettur Johann J. Fenech fil-prezenza ta' PC230 Briffa. Jibda biex jingħad li ma hemm l-ebda allegazzjoni li din l-istqarrija ma ttieħditx b'mod volontarju tant li Briffa ġie prodott bil-ġurament sabiex jikkonferma l-volontarjeta' tal-istess. Illi mix-xhieda tal-ispettur Fenech u anke mill-istqarrija nnifisha jidher li l-qua imputat ma ġiex mgħoti d-dritt għall-assistenza legali fl-ebda forma tiegħu u dan fid-dawl tal-liġi viġenti dak iż-żmien (Awwissu 2008). Minn analizi tal-atti processwali ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet impellenti l-għaliex l-imputat ma ġiex mgħoti d-dritt għall-assistenza legali waqt l-istqarrija.

Minn qari tal-istess stqarrija jirriżulta li l-imputat għażel li jwieġeb għad-domandi magħmula minnu mill-uffiċjal investigattiv u huwa inkrimina lilu nnifsu b'diversi tweġibiet. Irid jingħad ukoll li waħda mill-imputazzjonijiet dedotti mill-prosekuzzjoni (senjatament dik ta' traffikar tal-herojina) tistrieħ unikament fuq dak li stqarr l-imputat mal-pulizija. B'hekk jidher li l-istqarrija tal-imputat hija prova determinanti tal-prosekuzzjoni.

Mill-atti proċesswali ma jirrizultax li jeżistu xi kundizzjonijiet li minħabba fihom l-imputat jistgħa jkun meqjus persuna vulnerabbli waqt it-teħid tal-istess stqarrija.

Stabbiliti dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti qieset l-istess fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fl-insenjament mgħoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018[44], u l-prinċipji stabbiliti f'dawn l-aħħar snin permezz tas-sentenzi mgħotija f'dan ir-rigward mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[45]. Il-ġurisprdenza riċenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħmilha ċara li l-fatt li persuna suspettata li

[44] Li riċentament issir referenza għalihom fis-sentenza mgħotija mill-QEDB fl-ismijiet Lalik vs. Poland, 11 ta' Mejju 2023

[45] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022); Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022), Emmanuele Spagnol vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija (31 ta' Mejju 2023), Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija et (31.5.23).

kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza t'avukat ma jwassalx bilfors għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, partikolarment il-jedd għal smigħ xieraq, fil-proċeduri ġudizzjarji ta' natura kriminali li jistgħu jittieħdu kontra dik l-istess persuna.

B'hekk fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti f'dawn is-sentenzi, kif ukoll tenut kont li għalkemm l-istqarrija tal-imputat ġiet meħuda skond il-liġi viġenti dak iż-żmien (għaldaqstant huma kkunsidrati bħala legalment validi) dan sar mingħajr ebda forma t'aċċess għall-assistenza legali waqt il-mumenti li fihom huwa kien arrestat u ġaladarba li fl-istess stqarrija l-imputat inkrimina lilu nnifsu tant li hemm imputazzjoni li tistrieħ unikament fuq l-istqarrija, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat mill-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-reita' tal-imputat bil-għan li jiġi assigurat li d-drittijiet tiegħu ma jiġux mittiefsa.

- **Kunsiderazzjonijiet dwar ir-reita' o meno tal-imputat**

(1) L-ewwel Imputazzjoni – Traffikar tal-Herojina

Din l-imputazzjoni hija msejjsa unikament fuq dak li stqarr l-imputat mal-pulizija fl-istqarrija rrillaxata minnu lill-ispettur Johann J. Fenech. Il-prosekuzzjoni fl-iter proċesswali ma ressqet l-ebda prova li tista' b'xi mod issostni din l-akkuża. B'hekk fid-dawl tal-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti għal dak li jirrigwardja l-istqarrija tal-imputat din il-Qorti ser tgħaddi immedjatament sabiex tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

(2) It-tieni imputazzjoni – Pussess tal-Herojina f'ċirkostanzi li jindikaw li din ma kinitx għall-użu esklussiv tal-imputat

Fis-sottomissjoni magħmula mill-abbli difensur ġie sottomess li l-prosekuzzjoni ma ressqitx prova li tindika li dawk il-qratas elevati minn mal-art kienu effettivament tal-qua imputat b'hekk ma ġiex ippruvat l-element tal-pussess xjenti tas-sustanza herojina. Bl-istess mod tgħidilna li mill-atti proċesswali ma tirriżultax prova li tindika li l-vettura fejn instabu l-bqija tal-qratas tal-herojina hija effettivament proprjeta' tal-imputat. B'hekk l-abbli difensur tissottometi li ma hemm l-ebda prova li tindika ness bejn is-sustanza herojina misjuba u l-qua imputat. Tissottometti ukoll li lanqas għandna indikazjoni ċara ta' kemm inġabru qratas minn mal-art.

Ma huwiex ikkontestat mill-partijiet li d-droga mertu tal-proċeduri odjerni hija d-droga herojina[46] u li din instabet prinċipalment f'żewġ postijiet: (a) fuq it-taraġ ħdejn il-klabb tal-boċċi u (b) fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAA 092 li

[46] Hekk kif anke ikkonfermat mill-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti bil-għan li jiddettermina s-sustanza – L-ispiżjar Mario Mifsud.

ġiet esebita formalment fil-proċeduri odjerni bħala Dok. JJF1. Dak li d-difiża qed tikkontesta fl-ewwel lok huwa n-ness bejn il-qua imputat u l-imsemmija sustanza u ċioe' jekk l-imputat kienx fil-pussess xjenti tal-imsemmija sustanza.

B'referenza għad-droga li nstabet fuq it-taraġ ġewwa l-klabb jingħad li ż-żewġ uffiċjali tal-pulizija li kienu preżenti fuq il-post iddikjaraw bil-ġurament li huma kienu fuq ronda fil-viċinanzi tal-Klabb tal-Boċċi ġewwa l-Fgura u ġiehom suspett fuq il-qua imputat. Hekk kif huma bdew jersqu lejn l-imputat rawh jarmi oġġett għal fuq it-taraġ tal-pitch. Għaldaqstant il-pulizija mhux biss sabu oġġett mal-art iżda effettivament it-tnejn li huma xehdu li raw lill-qua imputat jarmi xi ħaġa mal-art li ovvjament qabel kienet fil-pussess tiegħu. Hawnhekk tajjeb li wieħed iżid li huwa ferm rari li ssib sustanza illegali mal-art fuq taraġ fejn jidhru tenut kont il-valur tal-istess sustanza u l-kilba għall-istess sustanza mill-persuna li tixtrieha. B'hekk ir-raġuni prinċipali l-għaliex sustanza bħall-herojia tinxteħet mal-art hija l-għaliex min ikun fil-pussess tagħha ikun ħa jispiċċa f'inkwiet ikbar jekk ħa jibqa' fil-pussess tagħha. Il-pulizija apparti li waqqfu u arrestaw lill-imputat marru u ġabru l-oġġett li huma raw lill-imputat jarmi, liema oġġett kien jikkonsisti f'disa' qratas tas-sustanza herojina. Mix-xhieda tal-pulizija ma rriżultax li nstabu oġġetti oħra fuq it-taraġ li allura setgħa jkun hemm dubbju dwar x'rema l-imputat. In oltre din il-Qorti żżid li ma kienx hemm trapass ta' ħin kbir minn meta l-imputat ġie nnotat jarmi għal meta l-pulizija ġabru s-sustanza. Dan qed jingħad il-għaliex il-pulizija rawh jarmi l-oġġett baqgħu sejrin dritt fuq l-imputat u fejn rawh jarmi l-oġġett. Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi a skorta tax-xhieda ta' Campbell u Calleja din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat kien fil-pussess xjenti ta' disa' qratas kontenenti s-sustanza herojina (hekk kif determinat mill-ispizjar espert) u proprju minħabba x-xjenza tagħhom u l-istat illegali tal-istess hekk kif ra lill-pulizija javvinċinawh huwa rema' l-istess qratas fuq it-taraġ. Il-fatt li l-imputat rema' l-qratas hekk kif ra lill-pulizija javviċinawh ma jnaqqas xejn mill-pussess xjenti tiegħu tal-istess sustanza herojina.

In kwantu għall-qratas li nstabu fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAA 092 l-abbli difensur issottomettiet li fil-proċeduri odjerni l-prosekuzzjoni ma ressqitx rappreżentant ta' Transport Malta bil-għan li jikkonferma li din il-vettura hija rreġistrata f'isem l-imputat b'hekk l-aqwa prova baqgħet ma nġabitx mill-prosekuzzjoni.

L-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jistipula:

> ***638.** (1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*

Is-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata."*

Fis-sentenza **<u>il-Pulizija vs. Richard Calleja</u>** deċiża fit-2 t'Ottubru 2014, b'referenza għad-diċitura fl-artikolu 638(1) hawn fuq citat – 'Bhala regola', jinghad:

> *"Dan ifisser, kwindi, <u>illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu se dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu</u>"* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs. Julian Cutajar</u>** mgħotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Settembru 2012 ngħad:

> *"Il-"best evidence rule" hija riprodotta fil-Ligi taghna fl- Artiklu 638 tal-Kap 9 fejn is-sub Artiklu 1 jghid: "Bhala regola ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma tithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti". Dan l-Artiklu jibda bil-kliem, "Bhala regola", dana ma jfissirx illi ghandu jsir hekk kull darba illi l-Prosekuzzjoni jkollha xi provi izda jkun desiderabli illi jsir hekk. <u>Jekk il-Prosekuzzjoni zzom lura xi prova ghal xi raguni jew ohra dana jista jippregudika biss l-kaz taghha, pero' ma jfissirx illi b'daqshekk m'ghandiex taghti kaz il-provi l-ohra li tkunu gabu. Ghalhekk jekk il-Prosekuzzjoni jidhrilha illi mill-provi li resqet ghandha bizzejjed biex ikollha kundanna, allura f'dan il-kaz tista tieqaf hemm u ma toqghodx tghabbi lill-Qorti b'pizijied zejda."</u>* <u>(sottolinear ta' din il-Qorti)</u>

L-istess interpretazzjoni giet abbracata fis-sentenza fl-ismijiet l-**Pulizija vs. Peter Paul Muscat** mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Frar 2021:

> *"Din il-Qorti ghalhekk tqis li ghalkemm huwa desiderabbli li l-Prosekuzzjoni tressaq l-ahjar prova fosthom il-prova ta' lil minn tghajjat vettura permezz ta' xhieda ta' rapprezentant ta' Transport Malta, ma jfissirx li minghajr tali prova, il-prosekuzzjoni ma jkunx irnexxilha tipprova li l-vettura tghajjat lill-appellant. Ghalhekk gialadarba jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma harkitx rapprezentant ta' Transport Malta biex jixhed, jehtieg li din il-Qorti tqis jekk permezz tax-xhieda tal-kwerelanti giex ippruvat li l-vettura in kwistjoni kienet tal-appellant."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali tasal għal din il-konkluzzjoni fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs. Roderick Gerada** mgħotija nhar is-27 t' Ottubru 2022:

> *"Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhilrlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha il-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġa pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Stabbiliti dawn il-prinċipju ġurisprudenzjali, b'referenza għall-każ odjern, jingħad li huwa minnu dak sottomess mid-difiza li fil-proċeduri odjerni ma ġiex imħarrek rappreżentant ta' Transport Malta sabiex jixhed dwar ir-reġistrazzjoni tal-vettura LAA092. Il-prosekuzzjoni din il-prova baqgħet ma ressqitiex. Madanakollu, jirriżulta mill-atti proċesswali li, Campbell u Calleja jixhdu bil-ġurament li wara li arrestaw lill-imputat u ġabru l-qratas minn fuq it-taraġ għamlu tfittxija fil-vettura li kien qed jagħmel użu minnha l-imputat fejn mill-glove compartment sabu tletin qratas oħra kontenenti s-sustanza herojina simili għal dawk li sabu mal-art. Ħadd mill-uffiċjali prosekuturi ma spjega l-għaliex qalu l-kliem *il-vettura li kien qed jagħmel użu minnha l-imputat* u kif waslu għal dik il-konkluzzjoni. Lanqas ma ġew mitluba jelaboraw dwarha in kontro-eżami. Il-fatt

li ma tawx dettalji ta' għaliex iddikjaraw hekk ma jnaqqas xejn mid-deskrizzjoni tal-fatt li l-imputat kien qed jagħmel użu mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAA 092. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tistax tinjora dikjarazzjoni bil-ġurament ta' żewġ uffiċjali tal-pulizija li rriżultalhom li din il-vettura bħala stat ta' fatt kien qed jagħmel użu minnha l-imputat. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, allura jsegwi li jeżisti ness bejn il-qua imputat u l-pulizija permezz tax-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija li għamlu tfittxija li qalu li t-tfittxija saret fuq il-vettura li kien qed juża l-impuat.

B'żieda ma dan irid jingħad ukoll li, għalkemm ma xehedx rappreżentant ta' Transport Malta, xehdet Dr. Maria Cardona (li kienet inkarigata mill-Qorti sabiex tagħmel il-kompendju tal-assi tal-imputat) u esebiet il-kompendju tal-assi li ġie mmarkat bħala Dok. MC. Fost diversi entitajiet li magħhom Dr. Cardona għamlet kuntatt, hemm Transport Malta. Fit-tweġiba Transport Malta jiddikjaraw li l-imputat għandu tlett vetturi rreġistrati f'ismu fosthom il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAA 092 li fiha saret it-tfittxija hawn fuq imsemmija. B'hekk mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirriżulta ċar li mhux tali l-imputat kien qed jagħmel użu minn din il-vettura iżda adirittura din il-vettura hija rreġistrata f'ismu. Konsegwentament ġaladarba l-qratas kontenenti s-sustanza herojina instabu fil-glove compartment ta' din il-vettura użata mill-imputat u rreġistrata f'isem l-imputat, din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielhom jippruvaw hawnhekk ukoll li l-imsemmija qratas kienu fil-pussess xjenti tal-qua imputat.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi għaldaqstant din il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tanalizza jekk il-pussess xjenti tal-herojina mill-qua imputat kienx wieħed li jindika li dan kien intiż għall-użu u l-konsum tiegħu b'mod esklussiv jew altrimenti jekk iċ-ċirkostanzi ta'dan il-pussess kienx wieħed li jindika li dan ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

F'dan ir-rigward l-abbli difensur tagħmel referenza għall-provi kollha mressqa in difesa u temfasizza li l-imputat kellu problema severa ta' konsum tas-sustanza herojina. Tagħmel referenza għall-ammont ta' droga li nstab fil-pussess tal-imputat u tgħid li dan l-ammont kien wieħed minimu għall-aħħar u għaldaqstant indikattiv ta' pussess sempliċi.

Huwa minnu li l-ammont tad-droga herojina misjuba fil-pussess tal-imputat b'mod komplessiv ma huwiex wieħed kbir – 1.82 grammi. Madanakollu jibqa' l-fatt li dan l-ammont pjutost żgħir ta' droga kien imqassam f'disgħa u tletin (39) qartas kollha b'piż vera simili u li normalment huwa ntiż għall-konsum. Il-piż tal-qratas ivarja bejn 0.03g u 0.06g. Dan l-ammont ta' qratas ma instabux fir-residenza tal-imputat iżda l-maġġor parti tagħhom (30 qartas) fil-glove

compartment tal-vettura filwaqt li disa' qratas oħra kienu fuq il-persuna tiegħu qabel ramiehom. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa inverosimili li persuna (anke bl-ikbar vizzju tad-droga herojina) tikkonsma disa' qratas f'massimu ta' ftit siegħat sakemm Fardell kien fil-klabb tal-boċċi. Għaldaqstant tenut kont l-ammont tal-qratas u l-piż simili tal-istess din il-Qorti hija tal-fehma li dawn il-qratas ma kienux intiżi esklussivament għall-konsum tal-imputat iżda ai fini ta' spaċċ.

B'hekk fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi din il-Qorti hija tal-fehma li t-tieni imputazzjoni hekk kif dedotta ġiet ppruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

(3) <u>It-tielet imputazzjoni l-aggravju tal-mitt metru</u>

Tenut li t-tieni imputazzjoni ta' pussess aggravat ġiet suffiċjentament ippruvata skond il-liġi, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tindirrizza l-aggravju tal-mitt metru marbut mal-istess imputazzjoni. Dan l-aggravju ma jidhirx li huwa kkontestat mid-difiża fil-fatt, hekk kif ingħad iktar qabel f'din is-sentenza, fl-udjenza tas-26 ta' Lulju 2011, id-difiża eżentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq il-prova ta' dan l-aggravju u ddikjarat li qed taċċetta li l-istess aggravju jirriżulta. Mill-provi mressqa (partikolarment mix-xhieda tal-pulizija) jirriżulta li l-imputat ġie nnotat jarmi d-disa' qratas tal-herojina ġol-klabb tal-boċċi. Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju tad-distanza ġie ukoll ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi.

(4) <u>Ir-raba' imputazzjoni tar-reċidiva</u>

Illi fl-udjenza tat-12 t'April 2010, l-uffiċjal prosekutur, l-ispettur Johann Fenech, ippreżenta sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mgħotija fil-25 ta' Marzu 2009 fil-konfront ta' ċertu Joshua Fardell. Din is-sentenza ma għandiex il-konnotati tal-identita' b'tali mod li jistgħa jiġi assigurat li s-sentenza effettivament ingħatat fil-konfront tal-qua imputat f'din il-kawża. Bħala xhud tal-identita' l-prosekuzzjoni pproduċiet lill-ispettur Anthony Portelli. Madanakollu waqt ix-xhieda tal-ispettur Portelli għalkemm fid-domanda saret referenza għas-sentenza esebita a fol. 21 tal-proċess, fit-tweġiba tiegħu l-ispettur Portelli jagħmel referenza għal sentenza oħra mgħotija mill-Maġistrat Quintano nhar il-25 ta' Marzu 2009. B'hekk l-identita' tal-imputat b'referenza għas-sentenza esebita baqgħet ma ġietx ikkonfermata sal-grad rikjest mil-liġi. Konsegwentament, minkejja li l-imputat jistgħa jitqies reċidiv a tenur tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat ser jiġi illiberat mill-addebitu tar-reċidiva a tenur tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

- **Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena:**

In kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata din il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(1) Iċ-ċirkostanzi u n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat ser jinsab ħati nkluż in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern li huwa wieħed minimum għaldaqstant din il-Qorti ser tgħaddi sabiex teroga piena viċin lejn il-minimu stabilit fil-liġi. B'dan li madanakollu din il-Qorti ser tqis ukoll li r-reat ta' pussess aggravat huwa kkwalifikat bl-aggravju tal-mitt metru tant li l-imputat instab mhux fil-viċinanzi iżda ġewwa post fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ. Konsegwentament il-piena trid neċessarjament tiżdied bi grad.

(2) Il-fedina penali aġġornata tal-imputat minn fejn jirrizulta li kellu kundanni preċedenti inkluż kundanna relatata mad-droga;

(3) Il-fatti mertu tal-proċeduri odjerni jirrisalu lura għas-sena 2010 u b'hekk għal erbatax-il sena ilu. Madanakollu bl-istess mod il-Qorti ħadet kont tal-fatt li kien propju l-imputat li kkawża l-maġġor parti tad-dewmien f'din il-kawża u dan bin-nuqqas t'attendenza għal numru ta' seduti ffissati kifukoll bid-dilungar sabiex jiġu prodotti x-xhieda in difesa;

*(4)* Id-dipendenza qawwija tal-imputat fuq sustanzi illeċiti partikolarment l-eroina u dan hekk kif ingħad fid-Digriet mgħoti minn din il-Qorti nhar l-20 ta' Lulju 2022: *"Illi wara li fliet bir-reqqa l-atti tal-kawża, il-Qorti tqis illi jirriżulta migħajr dubju illi l-imputat ilu għal snin twal ħafna maħkum bil-vizzju tad-droga partikolarment id-droga eroina, liema droga jidher li l-istess imputat kien jagħmel użu minnha b'mod kopjuż u illi dan kien ta' detriment sostanzjali għal saħħtu."*[47] Tenut kont dan il-livell ta' dipendenza din il-Qorti hija tal-fehma li l-konsum u d-dipendenza tal-eroina fuq numru twal ta' snin li beda minn meta l-imputat kellu eta' tenera setgħa kien fattur ewlieni li ikkontribwixxa għar-reati li tagħhom l-imputat ser jinsab ħati.

(5) Minkejja dak kollu li ngħad fir-raba' paragrafu, jrid jingħad li għalkemm jidher li l-imputat jagħraf li għandu problema serja t'abbuż mis-sustanza eroina u li din mhux biss wasslet għall-proċeduri kriminali serji iżda anke għall-implikazzjonijiet serji fuq ħajtu, mill-provi mressqa mid-difiża fuq numru ta' snin kjarament jindikaw li l-imputat ma kellhux la l-volonta' u wisq inqas l-impenn li jibda' u jispiċċa b'suċċess ik-proċess ta' rijabilitazzjoni tiegħu. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti (diversament preseduta) fid-Digriet mgħoti nhar l-20 ta' Lulju 2022 permezz ta' liema ċaħdet għat-tieni

[47] Fol. 259 tal-proċess.

darba t-talba tal-imputat sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga.

(6) Illi minkejja li mill-atti proċesswali jirriżulta li d-difiża f'udjenza minnhom riedu jħarrku lill-uffiċjal prosekutur lis-Supretendent Johann J. Feech sabiex isiru xi domandi dwar l-applikabilita' o meno tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, dan baqa' ma sarx u mill-atti proċesswali u l-evidenza prodotta ma jirriżultax li dan l-artikolu huwa applikabbli għall-imputat[48];

(7) Illi ġaladarba l-imputat ser jinsab ħati ta' pussess aggravat bl-aggravju tal-mitt metru bl-eskluzzjoni tal-applikabilita' tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta[49], din il-Qorti ma għandha l-ebda diskrezzjoni ħlief li timponi piena ta' priġunerija effettiva flimkien ma' multa.

(8) Il-Qorti tinnota li fil-proċeduri odjerni ġiet ordnata l-ordni t'iffrizzar. Normalment din it-talba twassal sabiex l-assi tal-imputat li jkun jiġu kkawtelati bil-għan li fl-aħħar tal-proċess tiġi ordnata l-konfiska tal-assi tal-imputat b'mod ġenerali. Stabbillit dan, din il-Qorti, ma tistax ma tikkunsidrax li l-ammont tad-droga herojina b'mod komplessiv li nstab fil-pussess tagħha l-imputat huwa minimu senjatament 1.82 grammi. Normalment f'dawn iċ-ċirkostanzi l-prosekuzzjoni ma titlobx għall-ordni t'iffriżżar hekk kif talbet f'dan il-każ. Fi kwalunkwe każ l-artikolu 22(3A) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta kjarament jistipula:

> *"Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet ħatja jkun xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 24A(1) il-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha jew f'kull żmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni..."* (sottolinear ta' dn il-Qorti)

Issa fl-akkużi hekk kif dedotti, l-prosekuzzjoni talbet għall-konfiska tal-corpus delicti iżda ma talbitx għall-konfiska tal-assi tal-imputat b'mod ġenerali. Bl-istess mod, meta fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2011 talbet għall-ordni t'iffriżar ma talbitx għall-konfiska tal-assi tal-imputat ġenerali. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-leġislazzjoni hija ċara f'dan ir-rigward. Għalkemm f'każ li l-konfiska tal-assi b'mod ġenerali tintalab mill-prosekuzzjoni, din il-Qorti ma għandha l-ebda diskrezzjoni u trid neċessarjament tgħaddi sabiex tordna l-konfiska ġenerali tal-assi tal-imputat mhux l-istess jistgħa jingħad meta ma hemmx talba għall-konfiska tal-assi tal-imputat b'mod ġenerali. Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkostanzi, partikolarment tenut kont l-ammont ta' droga herojina involuta fil-każ odjern fejn f'każijiet simili din il-prosekuzzjoni normalment ma titlobx għall-konfiska ġenerali tal-assi

48 Fol. 242 tal-proċess.
49 Għar-raġunijiet elenkati fid-Digriet a fol. 254 et seq. tal-proċess.

tal-ħati, din il-Qorti ma hijiex ser tgħaddi sabiex tordna l-konfiska ġenerali tal-assi kollha tal-imputat. Fl-aħħar net jingħad ukoll li fid-dawl ta' din il-kunsiderazzjoni, Fardell lanqas ma hu ser jiġi kkundannat għall-ħlas tal-ispejjeż sabiex isir il-kompendju tal-assi.

## KONKLUZZJONI:

Għal dawn il-mottivi, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, is-subartikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso għas-subartikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lill-qua imputat mill-ewwel (traffikar tal-herojina) u mir-raba' imputazzjoni (reċidiva) miġjuba kontrieh filwaqt li qed issib lill-istess imputat, Joshua Fardell, ħati tat-tieni imputazzjoni (pussess tad-droga herojina f'ċirkostanzi tali li jindikaw li din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu) u ħati ukoll taċ-ċirkostanza aggravanti stipulata fit-tielet imputazzjoni (li r-reat ta' pussess aggravat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ). Konsegwentament, qed tikkundanah għal piena ta' għaxar xhur priġunerija effettiva kif ukoll għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' tlett t'elef Ewro (Eur. 3,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti ammontanti għas-somma ta' tmien mija u erbgħa u għoxrin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (Eur. 824.41), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sena mil-lum.

Finalment, din il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-corpus delicti (inkluż il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAA092) u l-oġġetti kollha esebiti relatati mad-droga kif ukoll id-distruzzjoni tad-droga hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Elaine Rizzo**

**Maġistrat**

**Christine Farrugia**

**Deputat Reġistratur**